MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2014

Numru. 223/2013

**Artikoli 17, 31, 183, 184, 185, 186, 188, 190 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Magri)**

**vs**

**ENGILBERT ZAMMIT**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **ENGILBERT ZAMMIT** ta' 27 sena, bin Joseph u Maria Antonia nee’ Desira, imwieled Zejtun fit-3 ta' Mejju, 1985 u residenti 224, Magri, Triq l-Imdina, Qormi, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 277485(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli:

1. Nhar it-18 ta' Novembru 2010 ghall-habta ta’ 06:45hrs gewwa Triq Aldo Moro, Marsa saq vettura HAC 847 ta’ ghamla Favorit minghajr ma kellu polza t’assigurazzjoni li tkopri lilu u lil terzi persuni;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-

iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.

3. U aktar talli fl-istess zmien xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza,

4. U aktar talli ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat.

5. U finalment talli ghamel reat li hu kellu jissorvelja biex ma jsirx minhabba l-kariga tieghu bhala Warden

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-istqarrija tal-imputat immarkata bhala Dok. A a fol. 5 et sequitur, estratt mill-att tat-twelid immarkat bhala Dok. B li jinsab a fol. 7, fedina penali mmarkata bhala Dok. C a fol. 8 u okkorrenza mmarkata bhala Dok. D a fol. 9 et sequitur tal-Process.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar is-6 ta' Frar 2014

(fol. 111) sabiex din il-kawza tinstemgha b'mod sommarju. Rat illi l-imputat iddikjara nhar is-6 ta' Frar, 2014 li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Illi nhar il-15 ta' Marzu, 2013 xehdet l-**Ispettur Sarah Magri** u spjegat li hija kienet irceviet kwerela minghand l-Avukat Dr. Simon Cachia sabiex tinvestiga kaz dwar dak li kien gara gewwa Aldo Moro Street f'Novembru, 2010 dwar incident awtomobilistiku ta' *bumper to bumper* bejn is-Sinjur Engelbert Zammit ma' zewg (2) vetturi ohra. Wahda minnhom misjuqa minn certu Mario Camilleri u l-ohra kienet misjuqa minn certu Lorraine Hili Caruana. Spjegat li hija nghatat kopji tad-dokumenti tal-*bumper to bumper form* u stqarret li aktar tard il-Qorti pprezentat kopja originali taghhom. Ikkonfermat li fil-fotokopji kien hemm il-firma tas-Sinjur Mario Camilleri u minn-naha l-ohra ta' Joseph Zammit.

Meta hija kellmet lil certu Mario Camilleri huwa stqarr li dakinhar l-karozza ma kienitx misjuqa minn Joseph Zammit izda minn persuna ohra li aktar tard sar jaf li jisimha Engilbert Zammit. Mal-kwerela ukoll kien hemm indikat illi s-Sinjur Engilbert Zammit dak iz-zmien ma kienx kopert minn *insurance*. Il-vettura li kien qed isuq meta habat kellha numru ta' registrazzjoni HAC-847 u kienet tghajjat lil missieru certu Joseph Zammit. Ghalhekk tghid li huwa ma kienx kopert bl- *insurance policy* mahruga fuqha.

Hija minnufih harget mandat ta' arrest f'isem Engilbert Zammit wara li anke pruvat tikkuntatjah sabiex imur volontarjament l-Ghassa izda qatt ma kien attenda. Kienu mbaghad arrestawh nhar is-6 ta' Marzu, 2003 mill-post tax-xoghol tieghu gewwa l-Arriva. Minn hemmhekk huwa nghata d-dritt tal-Avukat.

Fl-istatement inghata twissija sabiex ma jirrispondix ghal certu mistoqsijiet li kienet ser taghmillu. Fil-fatt huwa kien fehema kif hemm imnizzel anke fl-Istqarrija. Hu kien ammetta li kien hu li kien saq il-vettura HAC-847 dakinhar, ammetta ukoll fl-Istqarrija tieghu illi hu kien mela l-*bumper to bumper form* f''isem Joseph Zammit li jigi l-papa' tieghu u fil-fatt ikkonferma li l-firma li kien iffirma dakinhar la hija ta' Joseph Zammit u lanqas hija tieghu ta' Engilbert Zammit.

Minn hemmhekk ovvjament tressaq il-Qorti nhar is-sebgha (7) ta' Marzu. Esebiet din l-Istqarrija bhala Dok. MS1.

Spjegat ukoll li  Mario Camilleri kien gie gewwa l-Ghassa tal-Hamrun fejn kien kellem lil PC255 Gwido Briffa sabiex jipprova jaghmel kuntatt mal-familja Zammit minnhabba l-istess problema sabiex jippruvaw jirrangaw l-affarijiet fil-fatt imbaghad l-istess pulizija kien anke xehed fil-kawza li ghandhom fil-kawza civili. Hija

esebiet l-okkorenza li saret f'dan ir-rigward li giet immarkata bhala Dok. MS2.

Illi nhar il-15 ta' Marzu, 2013 xehdet **Lorraine Hili Caruana** u giet mitluba tispjega x'gara w x'ma garax fejn hi kienet involuta f'xi accident tat-traffiku nhar it-18 ta' Novembru, elfejn u ghaxra (2010). Hija spjegat li kienu x'is-sebgha neqsin ghaxra ta' filghodu (6:50am) waqt li kienet ghaddejja f' Aldo Moro Street, hasset daqqa minn wara u harget biex tara ovvjament ghax kienet *bumper to bumper* u rrealizzat li kienu tlieta (3) mhux tnejn (2) involuti fil-habta. Dahlu fejn il-Marsa Sports Ground ghaliex ovvjament riedu jiccaqalqu mit-triq u hargu. Tnejn (2) minnhom hargu minn gol-karozza u l-ahhar wiehed li kien bl-uniformi ta' Warden ma harigx minn gol-karozza baqa' jitkellem fuq il-*mobile* ghal xi ghaxar (10) minuti. Imlew il-*bumper to bumper form* u telqu ovvjament minn hemmhekk. Hija spjegat li gharfet lil dak il-persuna li qalet li baqa' gewwa li kien Warden bhala l-imputat odjern.

Hija spjegat li kien hemm tlett karozzi nvoluti f dan l-incident. L-imputat li gharfet fl-awla habat fil-vettura li kien hemm warajha misjuqa minn Mario Camilleri u habta ohra bejn Mario Camilleri maghha u ghalhekk kellhom jintlew zewg formoli u dawn gew mimlija minnhom it-tlett sewwieqa dak il-hin stess u ghalhekk tghid li fil-presenza taghha l-imputat iffirma u mela wahda minn dawn il- formoli tal-*bumper to bumper* . Giet mistoqsija jekk hija

kellhiex kopji taghhom x'turi u hija spjegat li hija kellha l-originali taghha li mliet rigward il-habta li kellha mal-vettura ta' warajha misjuqa minn Mario Camilleri u kellha kopja tal-formola l-ohra li ntliet bejn is-sewwieq tal-karozza li kienet warajha u tal-karozza l-ohra li kienet misjuqa mill-imputat. Hija esebit din il-formola ahharija u cioe' il-fotokopja tal-*bumper to bumper* ta' bejn Mario Camilleri u s-sewwieq ta' warajha li giet immarkata mill-Qorti bhala LH1 (fol. 36). Giet mistoqsija jekk ratx id-dokument LH1 jimtela spjegat li iva. Tghid li ghall-ewwel ma zammitx kopja ghaliex hasbet li ma kellhiex bzonnha ghall-fini tal-assikurazzjoni pero' meta kellmet lill-assikurazzjoni qalulha li kellha bzonnha u kellmet lis-Sur Camilleri illi kien involut u taha kopja taghha. Hija spjegat li s-Sur Camilleri huwa l-persuna li habat fiha u kien fin-nofs tal-karozza li habtet fih minn wara. Giet mistoqsija min kien mela l-formola mas-Sur Camileri u spjegat li kien l-imputat li meliha f'isem Joseph Zammit.

Illi nhar il-24 ta' April, 2013 xehed **George Stagno Navarro** u gie mitlub jaghti nformazzjoni rigward il-vettura u l-*insurance* u x'*cover* kien hemm fuq il-vettura numru ta' registrazzjoni HAC-847 fit-18 ta' Novembru, 2010 mas-socjeta' Elmo Insurance Limited u f'isem min kienet registrata l-vettura.

Huwa spjega li minn ezami tad-dokuemtni li gabar mill-ufficcju jista' jghid illi l-vettura numru HAC-847 qeghda assigurata f'isem

Joseph Zammit u li jistghu jsuquha huwa u xufiera minn hamsa u ghoxrin (25) sena 'l fuq. Huwa esebixxa kopja tad-dokument li ghamel refernza ghalih li gie mmarkat bhala Dok. GS 1.

Illi nhar il-24 ta’ April, 2013 xehed **Mario Camilleri** u gie mitlub mill-Prosekuzzjoni jispjega dak li kien gara nhar it-18 ta' Novembru, 2010 meta kien involut f'incident tat-traffiku. Huwa spjega li fit-18 ta' Novembru, 2010 fis-sebgha neqsin kwart ta' filghodu (6:45am) kien miexi Aldo Moro, il-Marsa bi *speed* normali u f'daqqa u l-hin ha daqqa fuq wara hu u ntefa' fuq ta' quddiemu. Waqfu t-tlett karozzi u t-tlett sewwieqa nizlu u bdew jaraw l-affarijiet insomma u fil-hin waqfu zewg (2) Wardens u qalulhom sabiex jitfghu fil-Marsa Sports Ground. It-tlett sewwieqa accettaw u nizlu jimlew il-karta *bumper to bumper*. Gie mistoqsi min kien qed isuq il-vettura ta' quddiemu u min kien qed isuq il-vettura ta' warajh u huwa spjega li ta' quddiemu kienet misjuqa mis-sinjura Hili u ta' warajh minn Engilbert Zammit. Gie mistoqsi jekk jaghrafx lil xi hadd fl-Awla u huwa wiegeb li iva qed jaghraf l-imputat bhala l-persuna li dahlet go fih bl-isem ta’ Engilbert Zammit.

Huwa kompla jispjega li hu u ta' quddiemu mlew il-karta u kif gie biex jimla l-karta ma' ta' warajh is-sewwieq jew ahjar l-imputat kien baqa' fuq il-*mobile* jitkellem ma' xi hadd qisu kwarta. Imbaghad mlew il-karta u ndunaw li ma riedx jiffirma l-karta u qallu biex jiffirma l-karta u telghu mlew il-karta u telqu l'hemm.

Gie mistoqsi f'din il-formola x'kien hemm id-dettalji fihom, x'intlew dettalji tal-parti l-ohra u huwa wiegeb li l-imputat kiteb isem missieru li jismu Joseph Zammit u l-ID *card*. Gie mistoqsi kif huwa jaf li kien missieru huwa spjega li huwa cempel lil missieru u cioe’ lil Joseph Zammit biex jara kif jistghu jirrangaw u dan qallu li ma jafx lit-tifel izda lilu biss. Gie mistoqsi jekk jikkonfermax li kien l-imputat li kien qed isuq u huwa qal iva u zied jghid li kien liebes ta' Warden ukoll.

Illi nhar is-27 ta’ Mejju, 2013 xehed **Brian Farrugia ghan nom u in rappresentanza ta’ Transport Malta** u spjega li gew mitluba mill-puliizja biex jghidu fuq minn hi rregistrata l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAC 847 fil-perjodu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) sa llum. Stqarr li mir-*records* mizmuma mill-Awtorita’ irrizultalu illi l-vettura HAC-847 hija vettura tal-ghamla Skoda Favorit ta’ kulur hadrani, registrata fuq Joseph Zammit bil-karta ta’ l-identita’ 808457M u ilha hekk irregistrata fuq ismu mid-dsatax (19) ta’ Gunju, tas-sena elfejn u disgha (2009) u ghadha hekk irregistrata sa llum. Huwa esebixxa din l-informazzjoni permezz ta’ dokument li gie mmarkat bhala Dok BF1.

Illi nhar is-27 ta’ Mejju, 2013 xehed **PC 255 Guido Briffa** u l-Prosekuzzjoni staqsietu biex jispjega x’kien gara meta kien mar certu Mario Camilleri jaghmel rapport l-Ghassa tal-Hamrun b’mod partikolari sabeix jixhed dwar id-data ta’ meta mar jaghmel ir-rapport kif ukoll fuq xiex kien ir-rapport. Huwa spjega li l-

kwerelant Mario Camilleri kien mar l-ghassa nhar it-22 ta' Novembru, elfejn u ghaxra (2010) fejn kien irraporta illi nhar it-18 ta' Novembru, elfejn u ghaxra (2010) ghall-habta tas-sebgha neqsin kwart (6:45) ta' filghodu kien ghaddej bil-vettura tieghu fejn gie nvolut f'incident ma' vettura numru ta' registrazzjoni HAC-847. Spejga li meta nizlu mill-vettura biex jaraw x'kien gara spejga illi mill-vettura HAC-847 nizlet persuna li kienet liebsa uniformi ta' Warden fejn qallu biex jitfghu l-karozzi mal-genb sabiex jimlew il-formola tal-*bumper to bumper*. Ikkonferma li  dakinhar stess mar ghand ta' l-*insurance* fejn meta mar ghand tal-*insurance* qalulu li d-dettalji li kienu gew moghtija lilu mis-sewwieqa tal-vettura li habtet fih  kienu hziena. Qal li kienu d-dettalji ta' Joseph Zammit ID Card 848457M *number* 224, Triq l-Imdina, Hal Qormi bil-*mobile number* 99423130 u dawn id-dettalji rrizulta li kienu ta' sid il-vettura u mhux tas-sewweiq li kien biha dak inhar tal-incident. Wara iktar stharrig mizmuma mill-pulizija huwa wera r-ritratt li jitla' fuq is-sistema elettronika tal-pulizija  ta' din il-pesuna u cioe' Joseph Zammit lil dan Mario Camilleri u dan ikkonfermalu li ma kinitx il-persuna li habtet go fih. Allura ccekkja jekk kellux xi tfal u rrizulta li kellu tifel Engilbert Zammit fejn meta urieh ir-ritratt tieghu fil-pront qallu "*din il-persuna nizlet mill-vettura*". Imbaghadipprova jaghmel  kemm-il darba kuntatt fuq it-*telephone* fuq in-*number* li kellhom tas-Sur Joseph Zammit fejn dan irrizulta fin-negattiv. Cemplu l-Ghassa Hal Qormi ukoll biex imorru fir-residenza tieghu kemm-il darba fejn dan irrizulta fin-negattiv ukoll u sussegwentement sar ir-rapport l-Ghassa liema rapport gie esebit u mmarkat bhala Dok PG 1. Huwa nforma b'dan ir-rapport

lis-Surgent 201 li dak iz-zmien kien qieghed ilahhaq. Is-Surgent kemm-il darba mar fuq l-indirizz imsemmi fejn halla *letter to call* sabiex l-imputat ikun jista' jaghmel kuntatt mal-Ghassa izda qatt ma mar l-Ghassa, qatt ma rcievew telefonati jew xi hadd infurmahom li l-persuna marret tfittixhom.

Mistoqsi mill-Prosekuzzjoni jekk kienx xehed il-Qorti fi proceduri ohra jghid li kien deher is-sena l-ohra fil-kamra tal-avukati minhabba xi kwistjoni ta' *insurance*.

Illi nhar is-27 ta' Mejju, 2013 xehed **PS 201 Sandro Magro** u spjega li hu ma kienx dahal f'dan il-kaz hlief li l-kollega tieghu PC 255 Guido Briffa kien qabdu biex imur go indirizz tal-imputat gewwa Hal Qormi 224, Magri, Triq l-Imdina biex ikun ezatt, Hal Qormi, kienu hallewlu xi *letters to call* ghax kien ipprova xi telefonati u ma kienux qed jigu rrisponduti u kienu ppruvaw jigifieri diversi drabi pero' ghal xejn qatt ma kellhom rispons minn din ir-residenza sabiex ikunu jistghu jiehdu l-verzjoni tal-imputat. Huwa kkonferma d-dokument immarkat bhala Dok BG1 u kkonferma li kien l-istess rapport li xehed fuqu.

Illi nhar is-6 ta' Awwissu, 2013 xehed **Henry Grech** in rappresentanza tas-socjeta' assikuratrici Atlas Insurance. Stqarr li l-Pulizija talbitu biex jipprezenta l-kopja originali tal-*bumper to bumper form* u qal li kull ma kellu kien kopji taghhom ghaliex l-

assikuratrici taghhom li kienet quddiem nett ma kellhiex tort fl-incident. Qal li fil-fehma tieghu l-original jinsab f'idejn is-socjeta' assikuratrici tal-vettura li kienet fuq wara nett u cioe' f'idejn is-socjeta' Elmo Insurance.

Illi nhar is-6 ta' Awwissu, 2013 xehed **Joseph Zammit** u ddikjara illi huwa jaghzel illi ma jixhidx stante li huwa ghandu proceduri ghaddejjin kontra tieghu u ghalhekk jista' jinkrimina ruhu jekk jixhed u inoltre l-imputat f'din il-kawza huwa ibnu u ghal din ir-raguni ukoll huwa ghazel li ma jixhidx.

Illi nhar il-21 ta' Ottubru, 2013 xehed **George Stagno Navarra** u spjega li ghan-nom ta' Elmo Insurance huwa gie mitlub biex jipprezenta *bumper to bumper forms* ta' incident li gara fl-10 ta' Novembru, 2010 u esebihom ghaliex kien hemm zewg *bumper to bumper* ghax kienet *triple collision.* Huma gew esebiti bhala Dok. GS1 u GS2 spjega ukoll li l-vettura HAC-847 ma kinitx inxurjata fil-gurnata tal-incident f'isem Joseph Zammit kif ukoll ghal kull sewwieq iehor li ghandu 'l fuq minn hamsa u ghoxrin sena.

Illi nhar il-25 ta' Novembru, 2013 xehed **Joseph Saliba** fejn gie mitlub biex jipprezenta l-*employment history* ta' Engilbert Zammit b' I.D.Card 277485M u esebiha bhala Dok JS1. Gie mistoqsi mill-Prosekuzzjoni sabiex jghid fejn kien qed jahdem is-Sur Zammit fis-

sena 2010 u spjega li kien jahdem ma' Guard and Warden Service House Limited.

Illi nhar il-21 ta Ottubru, 2013 din il-Qorti diversament preseduta kienet innominat fuq talba tal-Avukat Generali lil Dr. Martin Bajada bhala espert tal-kaligrafija sabiex jaghmel ezami komparattiv bejn il-firma li hemm fuq id-dokument GS2 u GS3 mal-kaligragija tal-imputat.

Illi nhar it-25 ta’ Novembru, 2013 deher Dr Martin Bajada u seduta statne ha l-kampjun tal-firma tal-imputat sabiex ikun jista’ jaqdi l-inkarigu lilu moghti.

Illi nhar it-3 ta’ Jannar, 2014 xehed **Dr. Martin Bajada** u esebixxa ir-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. MS. Spjega li huwa ta’ l-opinjoni li l-evidenza hija tali li ma hemm l-ebda dubju li l-firem fuq Dok. JS2 u JS3 huma ghal kollox differenti fil-forma, tifsila, xaqliba u kostruzzjoni meta mqabbla ma’ kampjun ta’ firma ma’ ta’ Engilbert Zammit. Enfassiza ukoll li d-dokumenti mmarkati bhala Dok. JS2 u JS3 huma foto kopji mhux id-dokumenti originali ghaldaqstant l-analizi kif ukoll l-opinjoni espressa hawn fuq huwa fuq l-aspett generali tal-firma fuq Dok. JS2 u JS3. Ikkonferma li ma kienx f’posizzjoni li jara u janalizza xi *pressure points* ghax ma kellux l-originali.

Illi l-imputat ma xehedx pero' kien irrilaxja stqarrija nhar is-6 ta' Marzu, 2013 immarkata bhala Dok. A (fol. 5) u spejga li huwa jahdem bhala *bus driver* mal-Arriva pero' fis-sena 2010 kien jahdem bhala *warden*. Huwa spjega dak li kien gara fit-18 ta' Novembru, 2010 u jghid li kien habat ma' karozza li kienet wieqfa ghal ftit sekondi qabel u jghid li din il-vettura kienet gja mahbuta fil-karozza ta' quddiemha. Qal li dawn it-tlett vetturi kienu qed jghalqu l-lanes fi Triq Aldo Moro, il-Marsa. Jghid li huwa nizel mill-vettura tieghu u jghid li sid il-vettura li dahal go fiha qallu sabeix jitlaq ghall-ewwel izda meta ra li l-vettura li kien dahal fiha kellha xi hsarat qallu biex jibqa' hemm. Huwa nnota li l-vettura li kien qed isuq ma kellhiex hsara u s-sewwieq tal-vettura li habat go fiha ukoll ma kellux hsara rizultat ta' dan l-incident. Pero' il-mara li kienet qed issuq il-vettura li dahal fiha ta' quddiemu kellha xi hsarat. Huma qalulu sabiex jimla l-formola *bumper to bumper* u huwa mela d-dettalji ta' missieru li jismu Joseph Zammit u dan fin-naha t'isfel tad-dokument u kien anke sahansitra ffirma f'isem missieru. Mistoqsi ghaliex ghamel hekk jghid li kien imfixkel u kien ghalhekk li mliha hekk.

Spjega li kien qed isuq vettura tal-ghamla Skoda Favorit numru ta' registrazzjoni HAC-847 u qal li huwa kien kopert bil-polza li kienet tghajjat lil missieru ghaliex huwa kellu aktar minn hamsa u ghoxrin sena. Mistoqsi jekk ghandhomx xi kawza civili fir-rigward ta' dan l-incident jghid li ghandhom. Huwa kkonkluda l-istqarrija tieghu billi qal li l-firma fuq il-formola mhiex ta' missieru u lanqas mhi l-firma tieghu.

Hawnhekk il-Qorti thoss li ghandha taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija nhar id-disgha ta' Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Carmel Camilleri** fejn kien gie ritenut hekk:

"*Huwa opportun li jinghad li r-rilaxx ta' stqarrija da parti ta' min ikun qed jigi interrogat mill-Pulizija huwa fakultattiv fis-sens li dan m'ghandu l-ebda obbligu li jirrilaxxja stqarrija jew li jirrispondi ghal domandi mposti lilu mill-Pulizija. Minn dan jirrizulta li l-principju fundamentali fil-materja ta' stqarrija li din trid tkun volontarja, u mhux spontanea sabiex ikollha valur probatorju.* "

L-oneru tal-prova li tali stqarrija saret volontarjament jaqa' dejjem fuq il-Prosekuzzjoni, bhal kull prova ohra.

Il-Prosekuzzjoni ghandha taghti prima facie *evidence* tal-esistenza ta' dan ir-rekwisit u malli jirrizulta sodisfatt, allura l-oneru tal-prova kuntrarju jigi spustjat ghal fuq l-imputat li jkun qed jallega li l-istqarrija tieghu kienet ittiehdet b'wiehed mill-metodi kontemplati fil-precitat **Artikolu 658 tal-Kap.** 9.

Kif gie deciz fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v James Gullaumier** nhar it-tnax ta' Frar, 1999 mill-Qorti tal-Appell Kriminali:

"*Dan ma huwa xejn hlief l-applikazzjoni tal-principju fundamentali fis-sistema legali li min qed jallega fatt irid jippruvah, izda ma jfissirx ossia m'ghandux jigi intiz b'mod li f'xi mument l-oneru li jigi ippruvat ir-reat hu n-nexus bejn ir-reat u l-imputat jigi spustjat ghal fuq l-imputat, dan dejjem jibqa' fuq il-Prosekuzzjoni tul il-*

*process kollu. Izda jekk akkuzat bi sforz sabiex jindebolixxi l-provi tal-Prosekuzzjoni, jallega certi fatti, anke taht gurament, allura hu jkun xehet fuqu l-oneru tal-prova ta' dawn il-fatti.*"

Fl-appell fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v Frances Spiteri</u>** (Vol XLIII pg. 1061) deciz mill-Imhallef William Harding il-Qorti qalet hekk:

"*Per regola l-prova tinkombi fuq il-Prosekuzzjoni, imma meta tkun ghamlet prova prima facie, allura l-prova kuntrarja tigi riversata fuq id-difiza partikolarment meta si tratta ta' prova which lies <u>peculiarly within the knowledge of the accused</u>. Fi kliem iehor meta d-difiza tissoleva l-punt tan-non volontarjieta` tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat f'tali kaz hija tkun assumiet l-obbligu li tressaq provi sufficjenti in sostenn tat-tesi taghha izda qatt ma jkun rikjest mill-istess imputat li l-provi minnu prodotti jistabbilixxu bla dubju ragonevoli t-tesi tieghu. Kull m'ghandu jaghmel l-imputat huwa li jressaq provi sufficjenti biex jiggenera dubju ragonevoli fil-verzjoni moghtija mill-Prosekuzzjoni, f'liema kaz imbaghad l-oneru li jinnewtralizza dan id-dubju jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni.*" Issa fil-kaz in esami l-istqarrija li rrilaxja l-imputat a tempo vergine tal-investigazzjoni ma gietx imcahda bix-xhieda li setgha ta fi stadju ulterjuri waqt l-andament tal-kawza u ghalhekk dak li qal l-imputat f'din l-istqarrija hija il-versjoni tal-fatti kif maghrufa minnu.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim Imhallef nhar il-21 ta April, 2014.

Illi din il-kawza giet appuntata quddiemha l-ewwel darba nhar id-19 ta’ Mejju, 2014 meta dakinhar kien deher l-imputat assistit mill-avukat difensur tieghu u l-Ufficjal Prosekutur ma dehritx u l-kawza kienet giet differita ghal nhar l-1 ta Lulju, 2014.

Illi nhar l-1 ta’ Lulju, 2014 l-avukat difensur tal-imputat ma setghax jattendi l-Qorti u ghalhekk il-kawza giet differita ghal nhar l-4 ta’ Lulju, 2014 meta dakinhar la deher l-imputat u lanqas l-Ufficjal Prosekutur u l-kawza giet differita ghal nhar l-5 ta’ Awwissu, 2014.

Illi fis-seduta tal-5 ta’ Awwissu, 2014 deher l-imputat u l-avukat difensur tieghu kif ukoll l-Ufficjal Prosekutur. Id-difiza pprezentat zewg dokumenti Dok X u Z u l-kawza giet differita ghat-trattazzjoni finali ghal nhar it-2 ta’ Awwissu, 2014. Dakinhar tas-26 ta’ Awwissu, 2014 dehru l-partijiet li ttrattaw il-kaz u llum il-kawza tinsab differita ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi ghalhekk il-Qorti tissoleva minnufih stante dak li qal l-imputat a tempo vergine tal-investigazzjoni li l-fatti tal-kaz huma s-segwenti:-

1. Illi nhar it-18 ta Novembru, 2010 l-imputat kien qed isuq il-vettura ta’ missieru Joseph Zammit tal-ghamla Skoda Favorit numru ta’ registrazzjoni HAC 847 ghaddej fi Triq Aldo Moro, il-Marsa ghall-habta ta’ 06.45 a.m. meta habat ma’ vettura ohra li kienet stazzjonata quddiemu misjuqa minn Mario Camilleri.

2. Illi din il-vettura misjuqa minn Mario Camilleri li kienet stazzjonata kienet fil-fatt mahbuta f'vettura ohra misjuqa minn mara kunjomha Hili u li din il-vettura ahharija kellha xi hsarat. (Dwar dan hemm kontestazzjoni ghalkemm ai fini tal-kawza odjern dan mhux importanti ghaliex filwaqt li l-imputat jghid li l-vettura li habat fiha kienet gja mahbuta fil-karoazza ta' quddiemha, is-sewweiq tal-vettura tan-nofs u s-sewwieq tal-ewwel vettura, it- tnejn jghidu li s-sewwieq tan-nofs dahal fil-vettura ta' quddiem bid-daqqa li qala' minghand l-imputat.)
3. Jirrizulta li l-imputat nizel mill-vettura tieghu wara xi hin u mela formola tal-*bumper to bumper* u kif del resto jghid hu stess imliha bil-partikolaritajiet ta' missieru Joseph Zammit.
4. Illi din il-formola originali li qatt ma giet esebita il-Qorti ghalkemm il-Qorti hija rinfaccjata b'dak li qal l-imputat stess a tempo vergine tal-investigazzjoni li kien minnu li huwa ta l partikolaritajiet ta' missieru u ffirma f'ismu ukoll.
5. Illi kemm Mario Camilleri kif ukoll is-sinjura Hili gharfu lill-imputat bhala l-persuna li kienet involuta fl-incident awtomobilistiku li sehh nhar it-18 ta' Novembru, 2018 u li ffirma l-formola *bumper to bumper* quddiemhom.
6. Illi l-imputat kien jahdem bhala *warden* fil-jum tal-incident awtomobilistiku kif ikkonferma Joseph Saliba rappresentant tal-ETC

Illi ghalhekk in sintezi bhala fatti ma jidhirx li hemm wisq in kontestazzjoni u dan ghaliex il-partijiet donnhom jaqblu dwar il-fatti b'riserva ghal xi dettalji zghar li ma jimpingux fuq ir-reati moghtija mill-prosekuzzjoni.

Fl-ewwl lok l-imputat gie akkuzat talli huwa saq vettura tal-ghamla Skoda Favorit numru ta' registrazzjoni HAC 847 fi Triq Aldo Moro, Marsa meta ma kienx kopert b'polza ta' sigurta' ai termini tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta. Jinghad u dan skond ix-xhieda moghtija mir-rappresentant ta' Malta Transport il-vettura in kwistjoni kienet registrata f'isem Joseph Zammit waqt li skond ix-xhieda tar-rappresentant tas-socjeta' Elmo Insurance u cioe' George Stagno Navarro l-vettura kienet koperta b'polza tas-sigurta' f isem Joseph Zammit pero' setghet tigi misjuqa minn kwalsiasi persuna li ghandha 'l fuq minn hamsa u ghoxrin sena. Issa minn ezami tac- certifikat tat-twelid tal-imputat esebit fl-atti a fol. 7 l-imputat twieled fit-13 ta' Mejju, 1985 u ghalhekk fil-jum tal-incident kellu ghoxrin sena u b'hekk kien kopert bil-polza li kien hemm mahruga fuq il- vettura u ghalhekk tali akkuza ma tirrizultax provata.

Fit-tieni lok l-imputat gie akkuzat talli ghamel faslifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi holoq disposizzjonijiet jew obbligi foloz billi zied jew biddel klawsoli dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawk l-atti jew skritturi jkollhom fuqhom.

L-imputat fit-tieni lok huwa ukoll akkuzat bir-reat kif dispost fl-A**rtikolu 183 tal-Kap. 9** u cioe li:-

*" kull persuna ohra li taghmel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew f'xi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi tohloq*

*pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi ddahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkellha billi zzid jew tbiddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, li dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw."*

Illi ghalhekk jirrizulta li sabiex jezisti dan ir-reat irid jissussisti zewg elementi:

1. li l-falsifikazzjoni tkun f'att pubbliku jew kummercjali jew ta' bank privat; u
2. li tali falsifikazzjoni ssir minn persuna li mhux ufficjal pubbliku.

Rigward it-tifsira ghal dak illi jikkostitwixxi atti pubblici, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Rex v Giuseppe Zahra** **(*1953*)** kif rappurtata fil-vol. XXXVII, pg. 986. Hekk gie ritenut:

"*Fil-ligi Maltija, l-att pubbliku huwa dak li jigi maghmul jew ricevut bil-formolaritajiet mehtiega minn Nutar jew minn ufficjal pubbliku iehor li jkollu s-setgha li jaghti fidi pubbliku lil att.*"

Din it-tifsira hija in konformi mar-ragjonament ta' sentenza moghtija mill-**Corte di Cassazione** fid-disgha ta' Novembru, 1929 li tghid:

" *l'atto pubblico non e' solo l'atto ricevuto con la scritta formalita da un pubblico ufficciale autorizzato ad attribuire a essa pubblico*

*fede, ma ogni atto che il pubblico funzionario o forma nell'esercizio della sue funzioni e con le forme stabbilite in rappresentanza delle pubbliche amminstrazioni.*"

Issa dak li ghamel l-imputat kien li mela formola li kienet intiza ghal skop ta' *insurance* b'informazzjoni skoretta u ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li tali dokument u cioe' il-*bumper to bumper form* ma jistghax jinghad li huwa xi dokument pubbliku u ghalhekk tali akkuza ma tistghax tirrizulta .

Fit-tielet lok gie akkuzat bir-reat kif dispost fl-Artikolu 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' li xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu u cioe' dawk imsemmija fl-**Artikolu 183** gja citat. Jinghad li una volta din il-Qorti ma sabitx li id-dokument li mela skorettament l-imputat mhux dokument pubbliku jew intiz ghal xi bank privat jew ghal xi skrittura privata din l-akkuza ma tistghax tirrizulta.

Fir-raba' lok gie akkuzat bir-reat kif dispost fl-**Artikolu 185** u cioe' li:-

" (l) *Bla ħsara tal-każijiet imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, jekk uffiċjal jew impjegat pubbliku illi, minħabba l-kariga jew l-impieg tiegħu, hu fid-dmir li jagħmel jew jagħti dikjarazzjoni jew ċertifikat, jagħmel jew jagħti dikjarazzjoni falza jew ċertifikat falz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn disa' xhur sa tliet snin.*

*(2) Meta l-falsifikazzjoni ssir minn xi persuna li mhix uffiċjal jew impjegat pubbliku b'abbuż ta' awtorità, il-piena tkun ta'priġunerija minn seba' xhur sa sentejn*".

Illi jinghad li huwa minnu li l-imputat kien jahdem bhala *warden* meta kien involut fl-incident awtomobilistiku u ghalhekk kien ufficjal pubbliku pero' ma jirrizultax li huwa mela il-formola *bumper to bumper* minhabba il-kariga li ghandu. Inzerta li habat fil-vesti tieghu personali bil-vettura ta' missieru u ghalhekk dan l-artikolu ma japplilkax.

Fil-hames lok l-imputat gie akkuzat bir-reat kif dispost fl-**Artikolu 186** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' li xjentement ghamel uzu minn wiehed mid-dokumenti msemmijin fl-ahhar artikolu qabel dan u cioe' l-artikolu 185 tal-Artikolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi dan l-artikolu ukoll ma jirrizutlax la ma rrizultax l-Artikolu 185.

Fis-sitt lok l-imputat gie akkuzat taht id-disposizzjoni tal-**Artikolu 188** (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' "Kull min, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorità pubblika, xjentement jaghmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jaghti taghrif falz, jehel ....."

Illi mhemmx dubbju li din l-akkuza tirrizulta provata u dan ghaliex kien l-imputat stess li stqarr meta rrilaxja l-istqarrija tieghu li kien mela l-formola *bumper to bumper* b'mod skorrett tant li mela l-

formola bil-partikolaritajiet ta’ missieru Joseph Zammit meta in effetti kien hu stess li kien involut fl-incident awtomobilistiku.

Illi huwa mportanti sabiex il-Qorti tara xi trid tfisser il-ligi meta titkellem fuq dokument falz.

**Kenny,** gurista Ingliz fil-ktieb tieghu ***Criminal Law*** jaghti tifsira ta' dokument fejn jghid:

"*for the purpose of the law of forgery a document is a writing in any form or any material, which communicates to some person or persons human statement, whether of fact or fiction.*"
**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale*** jghid:

"*documento e' ogni scrittura determinato, contenendo manifestazioni o dichiarazioni di volonta ovvero altestazioni di verita, atto o fondare o a suffragare una pretesa guiridica o a provare un fatto giuridicamente rilevante in un rapporto processuale o in altro rapporto guiridico.*"

Issa fil-kaz in desamina jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-imputat qabad u mela formola tal-*bumper to bumper* b’mod skorrett u dan xjentement bl-intendere li jizvija l-investigazzjoni tal-pulizija esekuttiva. Fir-realta’ ma kienx hemm bzonn li dan isir ghaliex l- imputat kien kopert bil-polza tas-sigurta’ tal-vettura pero’ cioe’ nonostante l-imputat hass li kellu jimla l-formola b’mod skorrett. M’hemmx dubbju li tali formola kient ser tintuza quddiem xi awtorita’ pubblika u appuntu ghand is-socjeta’ assikuratrici u

possibilment aktar tard il-Qorti u ghalhekk ghal dan l-agir kriminuz l-imputat ghandu jinsab hati ta' din l-akkuza.

Dwar l-ahhar akkuza u cioe' dik kontemplata fl-Artikolu 141 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tinnota li l-artikolu ta' din l-akkuza ma gietx citata mill-Avukat Generali fl-artikoli mibghuta minnu u ghalhekk din il-Qorti mhiex ser issibu hati taghha.

Ai fini ta' piena l-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat esebita fl-atti a fol. 8 li hija wahda nadifa bla ebda tebgha tar-reat jew kontravenzjoni u ghalhekk l-imputat ghandu jigi trattat daqs li kieku huwa **a first time offender**. Jinghad in oltre illi dak li ghamel l-imputat verament ma kienx jaghmel wisq sens peress li huwa kien kopert bil-polza ta' sigurta' tal-vettura ta' missieru u ghalhekk facilment setgha ghamel *claim*.

**Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-Artikoli 17, 31, 183, 184, 185, 186, 188, 190 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li issib lill-imputat hati tal-akkuza kif kontemplata fl-Artikolu 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddeciedi li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perijodu ta' tlett snin mil-lum u tilliberah mill-akkuzi l-ohra kollha.**

Peress li din il-Qorti lliberat lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ai termini tal-**Artikolu 21 tal-Kap. 446** tal-Ligijiet ta' Malta u din ma tammontax ghall-piena din il-Qorti

mhiex tenuta li tapplika d-dispost tal-Artikolu **190 tal-Kap. 9** tal-interdizzjoni generali u ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------